KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tal-Ħdax (11) il-Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-5.45 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Raymond Bartolo | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Chairperson Simone Aquilina | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Membru Peter Abela | Assenti | |
| Membru Carmel Hili | Assenti | |
| Membru Joseph Mario Hili | 5.45 p.m. | 8.30 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti ta' l-Għaxar (10) Laqgħa li nżammet nhar il-Erbgħa 8 ta' Ġunju, 2011**

1.01 Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ma saru l-ebda korrezzjonijiet u l-minuti ġew iffirmati.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.01 **Dwar Item 2.01** Dwar il-kurduna fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II f'Burmarrad, iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, informa 'l-kumitat li l-kuntratturi Environmental Landscape Consortium ħawwlu aktar pjanti tat-tip li meta

jikbru jgħattu l-ħajt. Il-Kumitat qabel li issa jaċċetta dan ix-xogħol u li jista jsir il-pagament relatat. Ġie deċiż li l-kuntrattur tal-bankini għandu jikkonsulta maċ-Chairperson is-Sur Raymond Bartolo sabiex jirranġa l-kurduna u issir il-bankina.

2.02 **Dwar Item 2.03** Il-Kuntrattur għandu jiġi mfakkar sabiex jikkonsulta maċ-Chairperson is-Sur Raymond Bartolo sabiex isir ix-xogħol fis-*Service Road* ta' ħdejn l-iScotts Supermarket.

2.03 **Dwar Item 2.05** Ġie deċiż li tinkiteb ittra lil Pulizija biex tittieħed azzjoni fuq il-ġebel li qed jaqa' u li jista jkun ta' periklu għan-nies u s-sewwieqa fit-telgha tal-Wardija.

2.04 **Dwar Item 3.02** Il-persuna li jaħraq il-murtali wieħed li jkun aktar prudenti u jaħraq in-nar mhux aktar tard mill-għaxra u nofs ta' filgħaxija minkejja li l-liġi tippermetti sas-siegħa ta' filgħodu. Gie deciz li tintbaghat ittra lis-swali tat-tigijiet fil-Wardija biex jimxu ma din il-premessa.

2.05 **Dwar Item 4.00** Ġie deċiż li l-preżentazzjoni tal-mitt Ewro lir-rebbieħa tad-disinji ta' l-istemmi għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u l-għoti tal-kotba tiġi mdaħħla bħala parti mill-attivitajiet ta' Festa Burmarrad. Sadanittant għandhom jiġu ppreparati l-*vouchers* u l-kotba.

2.06 **Dwar Item 5.02** Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb lil Transport Malta biex l-applikazzjoni kif approvata tat-*Traffic Calmer* fi Triq Ġebel Għażżara tkun tista ssir fl-istess triq iżda aktar-il fuq minn fejn indikata. Rigward il-qsari faccata tal-Panorama Bar gie deciz li jitpoggew 3 oħra fil-waqt li t-2 li jibqa (mill-5 li diga inxtraw mill-KAB) jitpoggew f'postijiet oħra f'Burmarrad.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

3.01 Fir-rigward ta' Memo 55/2011 (Skema ta' Finanzjament għall-proġetti u inizjattivi mil-Kumitati Amministrattivi fil-lokalitajiet tagħhom) għandha ssir applikazzjoni sabiex isir ix-xogħol ta' kisi mill-ġdid ta' parti minn Triq Busewdien. Dan ix-xogħol mistenni jqum Għoxrin elf Ewro li ħmistax il-elf Ewro jittieħdu mill-Iskema filwaqt li ħamest elef Ewro oħra joħorġu mill-fondi tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Is-Sindku l-Perit Graziella Galea għandha tipprepara stima ta' x'jista jsir b'dan l-ammont. Ġie deċiż

ukoll li l-Bilanċ ta' ħamest elef Ewro mill-Iskema jintużaw għall-*playing field* ta' Burmarrad.

**4.00 Festa Bdiewa Burmarrad 2011 (Is-Sibt 03 u l-Ħadd 04 ta' Settembru 2011)**

4.01 Iċ-Chairperson is-Sur Raymond Bartolo qal li ma kienx hemm wisq *response* mill-Membri dwar din l-attività u ppropona li l-Membru Joseph Mario Hili jew il-Viċi Chairperson is-Sinjura Simone Aquilina jieħdu post il-Membru s-Sur Carmel Hili għaliex jidher li fil-preżent ma tantx għandu ħin għal dan ix-xogħol. Ġie deċiż li l-Membru Joseph Mario Hili ikellem lill-Membru s-Sur Carmel Hili u jara jekk jaċċettax li jċedi postu fuq dan is-Sotto Kumitat u minfloku jidħol il-Membru s-Sur Joseph Mario Hili peress li ż-żmien issa qed jagħfas. Iċ-Chairperson is-Sur Raymond Bartolo qal li ħafna xogħol kien lest iżda kien jonqos li l-bdiewa u oħrajn jiġu mħeġġa jipparteċipaw.

Huwa ta stima ta' kemm kienu telghu l-ispejjeż s'issa (madwar €6,500).

| | | |
|---|---|---|
| | **PR** | |
| | A week on Times of Malta.com | 177 |
| | Graphic Design | 354 |
| | **Site Management** | |
| | Sound + Light | 1160 |
| 15 | Market Stalls | 0 |
| | Palk | 0 |
| 2 | Mobile Toilets | 194.11 |
| 2 | Meter tad-dawl | 500 |
| | Security Guard | 194.7 |
| | No Parking Sign | 0 |
| | **Entertainment** | |
| | Spiteri Lucas | 885 |
| | Mark Tonna | 120 |
| | Chiara | 120 |
| | Olivia Lewis | 120 |
| | Nafra | 700 |
| | Freddie Portelli | 384.34655 |
| | Deceduti | 1333 |

L-ispiża totali mhix maħsuba li taqbeż l-€10,000. Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar diga qabel li joħrog parti sostanzjali minn din l-ispiża.

**5.00 Ħwejjeġ Oħra - Aġġornamenti**

5.01 **Il-Viċi Chairperson is-Sinjura Simone Aquilina**

5.01.01 Ġie approvat li l-Kumitat jordna żewġ *Mobile Toilets* għall-Festa tal-Wardija.

5.01.02 Ġie deċiż li l-kuntrattur Bonnici Brothers jiġi kkuntattjat sabiex jagħmel ix-xogħol ta' livellar tal-kanal tal-ilma tax-xita fil-Wardija ħdejn l-iskola fiż-żona magħrufa tas-Safsafa.

5.01.03 Il-Viċi Chairperson is-Sinjura Simone Aquilina għandha tipprovdi lista ta' *bins* li hemm bżonn jitwaħħlu fil-Wardija. Hija semmiet li hemm bżonn ta' *skip* fiż-żona magħrufa tas-Safsafa. Ser nistennew li joħrog il-Kuntratt il-ġdid tal-ġbir ta' l-iskart biex naraw il-problema tiġix solvuta. Ic-Chairperson qal li saret talba mingħand Ms. Spiteri għal-*Bin on Wheels* fi Triq il-Madonna tal-Abbandunati. Dan ser jiġi provdut.

5.02 **Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo**

5.02.01 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo informa l-Kumitat li l-kuntrattur tal-Kunsill ser jiġi mqabbad jissupplixxi l-elettiku għall-*playing field* u jiġu nstallati *floodlights.* Iċ-Chairperson inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iqabbad il-kuntrattur Adam Bugeja jirranġa x-xibka li tissepara l-futbol grawnd minn mal-*playing field.*

5.02.02 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo nnota wkoll li ma sarx progress fuq il-website tal-Kumitat u għalhekk issuġġerixxa li s-Sur Carmel Hili ma jibqax inkarigat minn dan. Il-Viċi Chairperson is-Sinjura Simone Aquilina vvolontarjat li tidħol għal dan ix-xogħol. Ser jinġiebu kwotazzjonijiet biex issir website ġdida esklussivament ghal Burmarrad.

5.02.03 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo talab li tiġi nfurzata l-ligi sabiex jiġi mrażżan l-ipparkjar tal-vetturi ħdejn il-Panorama Bar. Is-Sur Hili sahaq li anke ħdejn l-iScotts supermarket qed ikun hemm ipparkjar ħażin.

5.02.04 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo semma li rigward id-distributur taċ-ċilindri tal-gass, hemm bżonn li tittieħed azzjoni billi tiġi kkuntattjata l-kumpanija Liquigas sabiex ma tibqax isir il-ħsara fuq il-bankina u l-istess kumpanija għandha tirranġa, a spejjeż tagħha, il-ħsarat li l-bankina ġarrbet s'issa.

5.02.05 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo talab li ssir applikazzjoni lill-Enemalta għall-żewġt *temporary electricity points* għall-Festa Bdiewa Burmarrad.

5.02.06 Dwar l-applikazzjoni tal-iSkema Finanzjament għall-proġetti u inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-lokalitajiet tagħhom 2010, iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo informa lill-Kumitat li Transport Malta rrifjutaw li jagħmlu l-bankijiet fis-Soft Area tal-Wardija. Il-Kumitat iddeċieda li jmexxi fuq il-proġett kif approvat u jipproċedi mingħajr ma jitwaħħlu l-bankijiet.

## 6.00 Għeluq.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

Ray Bartolo
Chairperson

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv.